# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 16 ta' Dicembru 2021**

**Kawza Numru: 3**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 1100/2017 JVC**

**Mary Louise Muscat i.d. 363345(M) f'isimha propju u ghan-nom ta' Anna Vella, Gabriele Hannelore Said u Martin Said i.d. 305847(M), Angela Said i.d. 470355(M) u Mark Said i.d. 080159(M)**

**vs**

**Philip Said i.d. 781052(M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Marie Louise Muscat et ikkonfermat bil-gurament u talbu kif isegwi:

'Illi l-partijiet u/ jew l-awturi ta' xi whud minnhom huma kollha ulied Nicola Said u Sylvia nee` Portelli, illum it-tnejn mejtin;

Illi fit-testment 'unica charta' tal-genituri taghhom datat 12 ta' Mejju 1978 u sussegwentement kif emendat parzjalment fl-10 ta' Ottubru 1986 'Dok A' u 'Dok. B', il-partijiet u/ jew l-awturi taghhom huma kollha werrieta indaqs bejniethom flimkien ma binthom ohra Antonia Agius;

Illi barra minn hekk fl-istess testment tat-12 ta' Mejju 1978 it-testaturi ordnaw li min minn uliedhom Philip u Mark, jiehu l-professjoni legali ikollu d-dritt li "jezercitaw il-professjoni taghhom fid-dar tal-abitazzjoni presenti tat-testaturi is-Siggiewi, Triq San Nicola numru hdax (11) kantuniera ma Middle Street numru tmienja u tletin (38), kif ukoll id-dritt li jekk iridu jistghu jaghzlu u joptaw fid-divizjoni tal-beni tat-testaturi l-imsemmija dar a saldu jew akkont tal-porzjoni taghhom..."; 

Illi l-intimat kien jezercita l-professjoni ta' Nutar u allura ghamel uzu mill-istess proprjeta' u okkupaha fejn ghadu jokkupaha sallum u dan anke jekk qatt ma nnotifika formalment lill-werrieta l-ohra bl-ghazla tieghu li jipprevalixxi ruhu minn dan id-dritt;

Illi barra minn hekk kif ghandu jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kaz huwa xorta wahda ha sehemu mill-bejgh ta' kull proprjeta' li kienet tifforma parti mill-wirt tal-genituri tal-partijiet u dana f'ammonti ta' mijiet ta' eluf ta' Ewro;

Illi barra minn hekk ukoll kif ghandu jirrizulta, l-intimat illum ma ghadux u ma jistax jezercita l-professjoni legali tieghu u dana minhabba ragunijiet diversi;

Illi allura anke jekk huwa b'xi mod ipprevalixxa ruhu mid-dritt sancit fit-testment imsemmi ossija li juza l-fond/i ghall-ezercizzju tal-professjoni ta' nutar, illum ma ghadux jista jippretendi li jista jokkupa l-istess proprjeta/jiet stante li ma ghadux jissodisfa r-rekwiziti imposti mill-istess testment;

Illi ghalhekk l-intimat apparti li qatt ma ghamel l-ghazla pozittiva u ufficjali li jipprevalixxi ruhu minn tali dritt, huwa tilef l-istess dritt minhabba li llum ma jistax jopera fil-kamp legali u ma jistax lanqas jiehu l-proprjeta/jiet imsemmija a saldu jew akkont ta' sehemu mill-wirt u dan minhabba li ghazel li jippartecipa fl-ikkunsmar ossija l-bejgh tal-proprjetajiet l-ohra tal-wirt;

Illi l-intimat ma jistax igawdi minn kollox, kellu jaghmel ghazla bejn li jipprevalixxi ruhu mill-uzu tal-fond de quo u milli jzomm l-istess fon/i fi proprjeta a saldu jew akkont jew milli jiehu sehemu mill-proprjetajiet kollha. Ghazla wahda teskludi lill-ohra u allura zgur ma jistax u ma setghax jipprevalixxi ruhu minn kull ghazla;

Illi ghalhekk anke jekk ghandu jirrizulta li xi darba l-intimat ipprevalixxa ruhu minn tali dritt sancit fit-testment illum ma jistax igawdi dak id-dritt aktar u ghalhekk umilment qieghed jokkupa tali fond minghajr ebda titolu jew jedd fil-ligi;

Illi ghalhekk l-intimat ghandu jivvaka minn tali fond/i immedjatament;

Illi minkejja li interpellat b'diversi modi sabiex jirrilaxxa l-fond imsemmi kemm verbalment kif ukoll bil-miktub u anke permezz ta' ittra ufficjali datata huwa baqa' inadempjenti u baqa' wkoll jippartecipa u jiehu sehemu u anke aktar minn sehemu minn kull proprjeta' tal-wirt li nbieghet;

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimat Philip Said qieghed jokkupa il-fond/i Triq San Nicola numru hdax (11) kantuniera ma Middle Street numru tmienja u tletin (38) minghajr ebda dritt, titolu u/ jew jedd validu fil-ligi;

2. Tipprefiggi terminu li fih l-istess intimat ghandu jivvaka mill-fond/i numru Triq San Nicola numru hdax (11) kantuniera ma Middle Street numru tmienja u tletin (38) u tordna li huwa ghand jivvaka fl-istess zmien qasir u perentorju;

3. Tistipula penali pagabbli lir-rikorrenti ghal kull gurnata li huwa jonqos milli jottempera ruhu mal-ordni tal-Qorti;

4. Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat li minn issa huwa msejjah ghas-subizzjoni;'.

Rat ir-risposta guramentata ta' Philip Said li taqra kif isegwi:

1. ‘L-intempestivita’ tat-talba attrici stante li l-intimat qieghed jokkupa legalment b’titolu ta’ prelegat l-fond fi Triq San Nicola numru hdax (11) kantuniera ma’ Middle Street numru tmienja u tletin (38) ai termini tat-testment ‘unica carta’ tal-genituri tal-partijiet, Nicola Said u Sylvia nee` Portelli, datat 12 ta’ Mejju 1978 u sussegwentement kif emendat parzjalment fl-10 ta’ Ottubru 1986 esebit mir-rikorrenti bhala Dok ‘A’ u Dok ‘B’ peress illi l-intimat qed jezercita d-dritt tieghu ta’ abitazzjoni billi mihux mizzewweg in vista tal-proceduri ta’ annulament pendenti u qed jezercita professjoni tieghu ai termini tal-artikoli hamsa u sitta tat-testment fuq imsemmi.

2. In-nuqqas ta’ interess guridiku tar-rikorrenti stante li huma kollha ddekadew mill-obbligu taghhom, malli mietu l-genituri tal-partijiet, li jimmettu ormalment lill-intimat prelegatarju fil-pussess tal-fond in kwistjoni u dana taht piena ta’ decadenza minn kull beneficcju lilhom derivanti minn dana t-testment, u dan ai termini tal-artikolu tnax tat-testment.

3. Ir-Rikorrenti m’ghandhomx ‘locus standi’ biex jistitwixxu din il-kawza stante li huma kollha ddekadew mill-obbligu taghhom li jimmettu lill-intimat prelegatarju fil-pussess tal-fond in kwistjoni skond it-testment kif fuq imsemmi.

4. Sussidjarjament u minghajr pregudizzju, l-intimat qatt ma rceva sehmu mill-proprjetajiet li nbieghu jew tal-investimenti tal-genituri tal-partijiet.

5. Inoltre sussidjarjament u minghajr pregudizzju jirrizulta li r-rikorrenti ircevew 'durante vita' bosta 'donazzjonijiet' ta' valur sostanzjali ta' mijiet ta' eluf ta' ewro b'titolu ufficjali ta' bejgh li effettivament kien trasferiment simulat illegalment skond tlett skritturi privati, minghajr il-kollazzjoni tal-beni testamentarji favur l-intimat.

6. Minghajr pregudizzju l-intimat ilu jezercita l-professjoni notarili tieghu fil-fond in kwistjoni minn Gunju tas-sena 1983 flimkien ma' missieru n-Nutar Nicola Said li tieghu l-intimat ukoll ghamilha ta' konservatur tal-atti notarili ta' missieru n-Nutar Nicola Said.

7. Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghalkemm ir-rikorrenti offrew bhala alternattiva li l-intimat juza il-fond 'Lilian' fi Triq Dr Nicola Zammit qabel maghruf bhala numru 69, dan l-intimat ma setax juzah billi dan il-fond huwa f'kundizzjoni dizastruza u perikoluza u fil-kundizzjoni tieghu mhux abitabbli u dan minbarra l-fatt li avvjament tal-klijenti tal-professjoni notarili jinsab fil-fond in kwistjoni, u mhux hemm hekk.

Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.'.

Rat l-affidavits, xiehda, testmenti, kuntratti, kopji ta' gazzetti tal-gvern, stima, statements, ritratti, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tal-24 ta' Gunju, 2021 il-Qorti kif preseduta ddikjarat il-provi tal-intimat Philip Said maghluqa u dan stante li rat li nonostante li kien hemm seduti ffissati b'ordni taghha baqa'

ma sar xejn. Rat li din l-ordni giet konfermata fil-verbal tas-6 ta' Lulju, 2021;

Semghet it-trattazzjoni ta' Dr. Gianfranco Gauci ghan-nom tar-rikorrenti nhar is-6 ta' Lulju, 2021. Rat illi fl-istess verbal tas-6 ta' Lulju, 2021 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' li l-intimat jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat;

Rat l-ordni ta' din il-Qorti sabiex tigi sfilzata r-replika da parti tar-rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

Illi permezz ta' din il-kawza r-rikorrenti qed jitolbu li l-intimat huwhom Philip Said jigi ordnat jivvaka mill-fond bin-numru 11 fi Triq San Nicola kantuniera ma' Middle Street bin-numru 38, Siggiewi u dana stante li jsostnu li qed jokkupa l-fond minghajr l-ebda dritt, titolu u/jew jedd validu fil-ligi.

Illi min-naha tal-intimat Philip Said fir-risposta guramentata tieghu prezentata nhar id-9 ta' Marzu, 2018 jeccepixxi l-intempestivita' tat-talba attrici stante li jsostni li jokkupa legalment, b'titolu ta' prelegat, l-fond mertu tal-kawza ai termini tat-testmenti tal-genituri tieghu Nicola u Sylvia konjugi Said tat-12 ta' Marzu, 1978 u tal-10 ta' Ottubru, 1986 it-tnejn fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel u dan peress li hu qed jezercita d-dritt ta' abitazzjoni billi mhux mizzewweg, in vista tal-proceduri ta'

annullament pendenti u qed jezercita l-professjoni tieghu ai termini tal-artikoli 5 u 6 tat-testment tat-12 ta' Marzu, 1978 imsemmi. Bhala t-tieni eccezzjoni tieghu l-intimat Philip Said jeccepixxi n-nuqqas ta' interess guridiku tar-rikorrenti stante li jsostni li naqsu mill-obbligu taghhom li jimmettu formalment lill-intimat prelegatarju fil-pussess tal-fond in kwistjoni u dan ai termini tal-artikolu 12 tat-testment. Fit-tielet eccezzjoni tieghu jerga jeccepixxi n-nuqqas ta' *locus standi* tar-rikorrenti biex jistitwixxu l-kawza stante d-dekadenza mill-obbligu taghhom li jimmettu lill-intimat prelegatarju fil-pussess tal-fond in kwistjoni skont it-testment imsemmi.

L-intimat jeccepixxi ulterjoment li hu qatt ma rcieva sehmu mill-proprjetajiet li nbieghu jew mill-investimenti tal-genituri tal-partijiet. Sussidjarjament u minghajr pregudizzju l-intimat jeccepixxi wkoll li r-rikorrenti ircevew 'durante vita' bosta donazzjonijiet ta' valur sostanzjali ta' mijiet ta' eluf ta' euro b'titolu ufficjali ta' bejgh li effettivament kien trasferiment simulat illegalment skond tlett skritturi privati minghajr il-kollazzjoni tal-beni testamentarji favur l-intimat. Jeccepixxi wkoll li ilu jezercita l-professjoni notarili tieghu fil-fond minn Gunju tas-sena 1983 flimkien ma' missieru n-Nutar Nicola Said li tieghu l-intimat ghamilha ta' konservatur tal-atti notarili. Finalment eccepixxa wkoll li ghalkemm ir-rikorrenti offrew bhala alternattiva l-fond 'Lilian' fi Triq Dr Nicola Zammit qabel maghruf bhala 69, dan l-intimat ma setax juzah billi l-fond huwa f'kundizzjoni dizastruza u perikoluza u f'kundizzjoni mhux abitabbli u wkoll minhabba l-fatt li l-avvjament tal-klienti tal-professjoni notarili jinsab fil-fond in kwistjoni u mhux hemm hekk.

**<u>It-Tieni u t-Tielet eccezzjoni – nuqqas ta' nteress guridiku tar-rikorrenti:</u>**

Illi fit-tieni u t-tielet eccezzjoni l-intimat Philip Said jeccepixxi li r-rikorrenti m'ghandhomx interess guridiku biex jistitwixxu din il-kawza stante li skont l-intimat ddekadew mid-drittijiet ereditarji taghhom ghaliex naqsu mill-obbligi taghhom meta wara l-mewt tal-genituri taghhom ma mmittewx formalment lill-intimat Philip Said fil-pussess tal-fond in kwistjoni.

Illi fl-ewwel lok jigi notat li fl-atti, l-intimat Philip Said mkien ma jichad li huwa jinsab fil-pussess tal-fond imsemmi tant li fl-ewwel eccezzjoni tieghu eccepixxa illi '*…qed jezercita d-dritt tieghu ta' abitazzjoni billi mhux mizzewweg in vista tal-proceduri ta' annulament pendenti u qed jezercita professjoni tieghu ai termini tal-artikoli hamsa u sitta tat-testment fuq imsemmi.*'. Minn din l-eccezzjoni l-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-intimat huwa effettivament fil-pussess tal-fond in kwistjoni ghalkemm jidher li fl-ebda mument ma saret formalment l-imissjoni fil-pussess. Li kieku saret l-imissjoni formali tal-pusses, il-partijiet probabilment ma jinsabux fil-kawza odjerna. Da parti taghhom ir-rikorrenti jsostnu li l-intimat ma jikkwalifikax skont it-testmenti tal-genituri (nanniet) taghhom sabiex jigi imess fil-pussess tal-fond in kwistjoni, pretensjoni li hija appuntu dak li huwa in kontestazzjoni bejn il-partijiet quddiem din il-Qorti. Se mai sabiex ir-rikorrenti jkunu jistghu obbligati jimittu fil-pussess lill-intimat, trid bilfors qabel tigi sorvolata l-kwistjoni odjerna. Ghalhekk il-Qorti tqis li t-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-intimat legalment ma jreggux u ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

**<u>Kunsiderazzjonijiet:</u>**

In sintesi l-fatti huma li r-rikorrenti u l-aventi kawza taghhom skont il-kaz, flimkien mal-intimat Philip Said huma lkoll ulied/neputijiet tal-mejtin in-Nutar Nicola Said u martu Sylvia xebba Portelli.

Illi jirrizulta li n-Nutar Nicola u martu Sylvia konjugi Said kienu rregolaw il-wirt u successjoni taghhom b'zewg testmenti datati 12 ta' Mejju, 1978 u 10 ta' Ottubru, 1986 it-tnejn fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel (ara kopja tat-testmenti a fol. 5 *et seq* tal-process). L-aktar ta' rilevanza ghall-fatti tal-kaz odjern huma l-artikoli hamsa (5) u sitta (6) tat-testment tat-12 ta' Mejju, 1978 li jaqraw kif isegwi:

' Il-Hames Artikolu.

> It-testaturi ihallu b'titolu ta' prelegat ghal wara l-mewt taghhom it-tnejn lill dawka fost uliedhom li ma' ikunux izzewgu fil-gurnata tal-mewt tas-superstiti fost it-testaturi u ghaz-zmien kollu li l-istess prelegatarji jibqu f'dana l'istat: (a) id-dritt tal-abitazjoni gratuita kongiuntiv u successiv tad-dar is-Siggiewi Triq San Nicola numru hdax (11) u (b) l'usu tal-effetti mobili kollha li ikunu jesistu fl-istess dar fil-gurnata tal-mewt tat-testatur superstiti mill-ghadba il-gewwa u cioe' "A limine intus" eccettwati il-flus kontanti u l-oggetti tad-deheb – Ghal kull fini tajjeb it-testaturi jiddikjaraw li jafu li l-imsemmija dar ma' tappartienix kollha lilhom pero' b'dana kollu xorta wahda iridu u li l-imsemmi prelegat jigi konsegwit "per intero" mill-imsemmija prelegatarji.

It-testaturi jesentaw lill-imsemmija prelegatarji minn kull obbligu legali ta' inventarju u prestazjoni tal-kawzjoni.

Is-Sitt Artikolu.

It-testaturi Nicola u Sylvia Said, salv dejjem l-usufrutt imsemmi fit-Tieni Artikolu, ihallu b'titolu ta' prelegat ghal wara il-mewt tat-testaturi lill-uliedhom Philip u Mark ahwa Said jekk dawna jiehdu l-Professjoni Legali sia dik ta' Avukat kemm dik ta' Nutar, d-dritt li jesercitaw il-professjoni taghhom fid-dar tal-abitazjoni presenti tat-testaturi is-Siggiewi Triq San Nicola numru hdax (11) kantuniera ma' Middle Street numru tmienja u tletin (38) kif wkoll id-dritt li jekk iridu jistghu jaghzlu u joptaw fid-divizjoni tal-beni tat-testaturi l-imsemmija dar a saldu jew akkont tal-porzjoni taghhom, salv dejjem u minghajr ebda pregudizzju ghad-dritt tal-abitazjoni gratuita tall-istess dar mholli mit-testaturi bil-precedenti Hames Artikolu.'.

Jirrizulta li l-kwistjoni kollha ddur ma' dawn iz-zewg artikoli testamentatji stante li l-intimat Philip Said qed jinvoka drittijiet favur tieghu elenkati f'dawn iz-zewg artikoli tat-testment tat-12 ta' Mejju, 1978 redatt mill-genituri tieghu n-Nutar Nicola u Sylvia konjugi Said sabiex ma jigix ivvakat mill-fond bin-numru 11 fi Triq San Nicola kantuniera ma' Middle Street bin-numru 38.

Fl-ewwel eccezzjoni tieghu l-intimat Philip Said jeccepixxi l-intempestivita' stante li jinvoka:

1. Dritt ta' abitazzjoni gratuwita stante li mhuwiex mizzewweg in vista tal-proceduri ta' annullament pendenti; u,

2. Dritt li jokkupa l-fond stante li jezercita l-professjoni tieghu ta' Nutar Pubbliku.

Illi l-Qorti mmedjatament tinnota li l-ewwel dritt invokat fl-ewwel eccezzjoni u cioe' dak misjub fl-artikolu hamsa (5) tat-testment tat-12 ta' Mejju, 1978 ma jaghmilx wisq sens u dana stante illi filwaqt li l-intimat jghid li ghandu d-dritt ta' abitazzjoni peress li mhuwiex mizzewweg, fl-istess nifs jiddikjara li ghaddej bi proceduri ta' annullament. Fl-atti ma tressqu l-ebda provi ta' dawn il-proceduri ta' annullament, u lanqas ma tressqu provi tal-ezitu taghhom. Ukoll jirrizulta car li d-dritt ta' abitazzjoni kien kundizzjonat li l-wild ma jkunx mizzewweg dakinhar tal-mewt ta' decuius u mhux wara. Jirrizulta nkontestat li dakinhar tal-mewt tal-genituri l-intimat kien gia mizzewweg u jghix f'residenza differenti minn dik in kontestazzjoni. Ghaldaqstant kemm ghaliex l-intimat kien mizzewweg mad-data tal-mewt u wkoll a bazi tal-fatt li ma tressqet l-ebda prova dwar l-alleati proceduri ta' annullament, il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad din il-parti tal-ewwel eccezzjoni.

Illi dwar it-tieni dritt invokat, jirrizulta li l-intimat Philip Said fl-10 ta' Mejju, 1983 kien inghata l-warrant ta' Nutar Pubbliku biex b'hekk seta' jibda jipprattika l-professjoni ta' Nutar Pubbliku u ai termini tas-sitt (6) artikolu tat-testment tat-12 ta' Mejju, 1978 l-intimat setgha jezercita l-professjoni tieghu fid-dar fis-Siggiewi Triq San Nicola numru hdax (11) kantuniera ma' Middle Street numru tmienja u tletin (38) (ara avviz fil-gazzetta tal-Gvern a fol. 159 tal-process).

Illi r-rikorrenti jsostnu li l-intimat huwhom Philip Said ma kienx jezercita l-professjoni notarili minn dan il-fond u llum jinsistu li l-intimat aktar u aktar m'ghadux jezercita din il-professjoni mill-fond mertu tal-kawza stante li rrinunzja ghall-warrant tieghu. Bhala prova tar-rinunzja tal-warrant mill-intimat Philip Said, r-rikorrenti jtellghu bhala xhud lin-Nutar Dr Clinton Bellizzi - President tal-Kunsill Notarili ta' Malta li pprezenta affidavit a fol. 152 tal-process. In-Nutar Dr Clinton Bellizzi xehed illi:

'- Philip Said irrinunzja ghal Warrant ta' Nutar Pubbliku b'sehh mill-5 ta' Mejju, 2016, kif jirrizulta mill-avviz ippubblikat fil-gazzetta tal-Gvern tas-6 ta' Gunju, 2016;
- U sallum ma ghandux tali warrant li bih jezercita l-professjoni u l-ufficju ta' Nutar Pubbliku f'Malta, kif jidher mill-lista ufficjali ta' Nutara pubblici ppubblikata fil-gazzetta tal-Gvern tal-24 ta' Jannar 2020.'

Ir-rikorrenti tellghu wkoll bhala xhud lir-rapprezentant mill-ufficcju tan-Nutara tal-Gvern Dr Hubert Theuma fis-seduta tat-28 ta' Frar, 2020 a fol. 153 *et seq* tal-process li da parte tieghu esebixxa kopja tal-gazzetta tal-Gvern li fuqha gie ppubblikat l-avviz li n-Nutar Philip Said irrinunzja ghall-warrant ta' Nutar Pubbliku (a fol. 155 tal-process). Esebixxa wkoll kopja tal-gazzetta tal-Gvern fejn permezz taghha l-pubbliku gie mgharraf li l-Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Notarili kien hatar lin-Nutar Principali tal-Gvern bhala konservatur tal-Atti kollha originali u testmenti pubblici u r-Registri relattivi tan-Nutar Philip Said u ta' dawk kollha li taghhom kien Konservatur (ara avviz a fol. 156 tal-process).

Illi da parti tieghu l-intimat, prodott mir-rikorrenti sabiex jixhed fis-seduta tat-28 ta' Gunju, 2018 a fol. 111 *et seq* tal-process ikkonferma li effettivament m'ghadux jipprattika ta' Nutar u li llum huwa pensjonant. Hekk xehed illi:

'***Dr Bernard Grech :***
Qabel xejn inti x'taghmel jekk joghgbok?

***Xhud :***
Jiena nutar u llum qieghed bil-pensjoni.

***Dr Bernard Grech :***
Meta qed tghid "jiena nutar" x'tifhem biha?

***Xhud :***
Jiena gradwajt bhala nutar stante li kelli oggezzjonijiet min-naha tal-VAT Department ma stajtx inkompli nahdem, u qed nghin lit-tifla llum fl-istess ufficju.

***Dr Bernard Grech :***
Jigifieri qed tiffirma dokumenti ghan-nom tieghek?

***Xhud :***
Le, nghin lit-tifla.'

Illi fis-sitt (6) artikolu tat-testment tat-12 ta' Mejju, 1978 il-kliem uzat huwa li ghandu '*…d-dritt li jesercitaw il-professjoni taghhom fid-dar tal-abitazjoni presenti tat-testaturi is-Siggiewi Triq San Nicola numru hdax (11) kantuniera ma' Middle Street numru tmienja u tletin (38)…*'. La darba l-intimat Philip Said huwa pensjonant u rrinunzja ghall-warrant ta' Nutar Pubbliku l-Qorti ma tarax li ghad hemm l-icken possibilita' li l-istess intimat Philip Said

jezercita l-professjoni tieghu ta' Nutar Pubbliku. Il-fatt li huwa jghin lit-tifla li ggradwat ukoll bhala Nutar Pubbliku ma jaghmilx stat ta' fatt li effettivament ir-rikorrent qed jezercita personalment il-professjoni kif isostni fl-ewwel eccezzjoni tieghu. Di piu' d-dritt li johrog mit-testment tat-12 ta' Mejju, 1978 huwa wiehed personali tal-intimat Philip Said u mhux tal-bint ukoll. Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak kollu suespost il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad fl-interezza taghha din l-ewwel eccezzjoni. Stante l-konnessjoni cara, l-Qorti qed tghaddi wkoll sabiex tichad is-sitt eccezzjoni tal-intimat.

Illi l-intimat Philip Said fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jittenta jintroduci eccezzjoni ohra u cioe' dik li b'referenza ghas-sitt artikolu tat-testmanet huwa jsostni li ghandu dritt li jaghzel u joptja fid-divizjoni tal-beni tal-genituri tieghu li jiehu l-fond mertu tal-kawza odjerna a saldu jew akkont tal-porzjoni tieghu. Ghalkemm din l-eccezzjoni ma gietx inkluza ufficjalment fir-risposta guramentata, minn harsa lejn l-atti, jirrizulta li r-rikorrenti xorta ndirizzaw din l-eccezzjoni. Fl-atti, r-rikorrenti ressqu xhieda u provi dokumentarji fosthom rapprezentanti ta' banek u diversi kuntratti ta' bejgh minn fejn irrizulta li l-intimat Philip Said ha diversi drabi r-rikavat minn zbanek u minn kuntratti ta' bejgh. Fil-kazijiet fejn ir-rikavat ma giex percepit mill-intimat, tali rikavat thallas direttament lill-kredituri tal-istess intimat.

Jirrizulta li r-rikorrenti fl-atti pprezentaw ukoll stima tal-Perit Ivan Muscat a fol. 101 u fol. 102 tal-process tal-fond 11 fi Triq San Nicola, Siggiewi minn fejn jirrizulta li l-fond gie stmat ghall-valur ta' €650,000. Il-Qorti, anki fir-cirkostanzi finanzjarji prekarji tal-intimat kif evidenzjati fl-atti, tara inverosimili hafna li l-intimat Philip Said jista' qatt jibbenefika minn dan id-dritt u jiehu d-dar a

saldu jew akkont tal-porzjon tieghu mill-wirt u successjoni tal-genituri tieghu, kkunsidrat li l-valur tad-dar huwa wiehed ferm gholi, wara li sahansitra b'ghazla libera tieghu ghazel li jaqsam flimkien mal-eredi l-ohra flus derivanti minn bejgh ta' fondi ohra tal-eredita'. Irrizulta wkoll fl-atti li l-intimat ipercepixxa wkoll fondi tal-eredita li kienu investiti fil-Borza ta' Malta. Il-Qorti tqis li rrilevantament jekk l-intimat Philp Said kienx imgieghel fil-mument tal-kuntratti u t-trasferimenti, li jiehu minn dawn il-fondi ghaliex kien maghfus mill-kredituri tieghu, tali accettazzjoni tevidenzja rinzunzja cara da parti tieghu ghal jedd fit-testment li jaghzel li jippercepixxi l-fond in kwistjoni a saldu jew akkont tal-porzjon tieghu. Fl-atti wkoll ma tressqet l-ebda prova konvincenti, sal-grad rikjest mil-ligi, li l-intimat f'xi mument mill-mewt tal-genituri tieghu nforma b'xi mod lir-rikorrenti li kienet l-intenzjoni tieghu li jiprevali ruhu minn tali jedd fit-testment. Dan aktar isahhah il-konvinzjoni ta' din il-Qorti li l-atti tal-intimat fejn qasam mill-fondi tal-eredita jikkonsistu f'rinunzja cara ghal tali jedd. Dan iwassal ukoll lil din il-Qorti sabiex tichad ir-raba' eccezzjoni tal-intimat fejn soprendentement isostni li huwa qatt ma rcieva sehemu mill-proprjetajiet li nbieghu jew tal-investiment meta hareg car mill-provi u wkoll mix-xiehda tieghu stess li dan mhux minnu.

Dwar il-hames eccezzjoni relatata ma donazzjonijiet allegati rcevuti mir-rikorrenti 'vita durante' l-Qorti rat li fl-atti ma tressqet l-ebda prova dwar dan u ser tghaddi sabiex tichad ukoll din l-eccezzjoni.

Illi fis-seba' eccezzjoni tieghu l-intimat isostni li l-fond alternattiv offert mir-rikorrenti ghall-uzu tieghu ma setax jaccettah ghar-raguni li jinsab f'kundizzjoni disaztruza wkoll ghaliex skont hu l-

avvjament tal-professjoni notarili huwa marbut mal-fond odjern. Il-Qorti rat li fl-atti ma tressqet l-ebda prova dwar l-allegata kundizzjoni disaztruza. Dwar l-avvjament il-Qorti tistaqsi x'avvjament jista jkollu l-intimat li huwa pensjonant u sahansitra lanqas ghadu jezercita l-professjoni ta' Nutar stante li rrinunzja ghal 'warrant'. Huwa ghalhekk car li din l-eccezzjoni ma tistax tregi u ser tigi michuda.

**Konkluzjoni:**

Illi minn dak kollu suespost jirrizulta lil din il-Qorti li l-intimat Philip Said qed jokkupa l-fond in kwistjoni minghajr ebda dritt, titolu jew jedd validu fil-ligi kif isostnu r-rikorrenti. Jirrizulta ghalhekk li t-talbiet tar-rikorrenti jisthoqq li jigu milqugha salv ghat-talba sabiex din il-Qorti tiprefiggi penali ghan-nuqqas stante li l-Qorti mhux qed tara l-bazi legali ta' din it-talba u r-rikorrenti naqsu milli b'xi mod jilluminaw lil din il-Qorti l-bazi tat-talba taghhom. In oltre l-Qorti tqis li din it-talba ma taghmilx sens legali stante li la darba din id-decizjoni tghaddi in gudikat, ir-rikorrenti jkollhom il-jedd immedjat li jizgumbraw lill-intimat permezz ta' mandat ta' zgumbrament.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat Philip Said;

2. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tiddeciedi li l-intimat Philip Said qieghed jokkupa il-fond/i fi Triq San Nicola

numru hdax (11) kantuniera ma' Middle Street numru tmienja u tletin (38) minghajr ebda dritt, titolu u/ jew jedd validu fil-ligi;

3. Tilqa' t-tieni talba u tipprefiggi terminu ta' xahrejn mid-data li din id-decizjoni tghaddi in gudikat sabiex l-intimat jivvaka mill-fond/i fi Triq San Nicola numru hdax (11) kantuniera ma' Middle Street numru tmienja u tletin (38) u tordna li huwa ghand jivvaka minn dawn il-fondi fit-terminu xahrejn mpost;

4. Tichad it-tielet talba.

5. Bl-ispejjez interament a karigu tal-intimat.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**16 ta' Dicembru, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**16 ta' Dicembru, 2021**